# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn tnejn (2) taʼ Lulju 2012**

**Rikors Numru 322/15 FDP**

**Alfred Gatt**
**(ID 135385M)**

**vs**

**Charlene Parnis illum Micallef**
**(ID 59389M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 21 ta' Ottubru 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara illi l-konvenuta hija debitrici tal-attur fis-somma ta' tmint elef erbgha mija u tnejn u hamsin euro u erbgha u hamsin centezmu (€8,452,54) rappresentanti flejjesimhallsa mill-attur lil terzi ghal oggetti mobbli mixtrija ghan-nom tal-konvenuta u liema oggetti mobbli jinsabu fil-pussess tal-istess konvenuta;*

2. *Tordna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tmint elef erbgha mija u tnejn u hamsin euro u erbgha u hamsin centezmu (€8,452,54)*

*Bl-ispejjez inklu dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fit 22 ta' Ottubru 2014, Nru 2191/14 u bl-imghax bl-oghla rata skond il-Ligi kontra l-konevnuta mid-data tal-istess Ittra Ufficjali, liema konvenuta hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta tal-intimata ppresentata fit 18 ta' Novembru 2015 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qalet is-segwenti:

1. *Illi assolutament mhux minnu li l-attur xtara xi oggetti ghan-nom tal-konvenuta, u ghal dana biss ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

2. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, I-attur ta l-oggetti in specie lill-esponenti buona volonta tieghu u minghajr ebda obbligu da parti ta' I-esponenti li tirritornahom jew li troddlu I-valur taghhom, u dan fid-dawl tar-relazzjoni li kien hemm bejniethom, tant li kellha tarbija minnu.*

3. *Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, dato ma non concesso li l-Qorti jidhrilha li trid tirrifondi xi parti minn dal-flejjes, I-ammont li qed jintalab huwa wiehed esagerat u sproporzjonat ghal dak li qed jippretendi l-attur, u dan kif se jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza.*

4. *Salvi ecezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur, inkluzi dawk tan-nota prezentata mill-esponenti fl-atti ta' I-ittra ufficcjal numru 2191/14.*

Rat l-affidavit ta’ **Alfred Gatt** ippresentat fil 25 ta’ Frar 2016 flimkien ma’ dokumentazzjoni minnu ppresentati in sostenn ta’ dak minnu mitlub.

Semghet ix-xhieda ta’ **Carmelo Borg**, rappresentant ta’ Zodiac Furniture Limited, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-seduta tas-16 ta’ Gunju 2016.

Semghet ix-xhieda ta’ l-intimata **Charlene Parnis** prodott mir-rikorrenti in subizzjoni u moghtija fl-24 ta’ Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta’ **Joanna Bartolo**, rappresentant tal-Bank Of Valletta plc, prodotta mir-rikorrenti u moghtija fis 6 ta’ Frar 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ta’ **Pierre Gatt**, hu ir-rikorrent, prodott mir-rikorrent u moghtija fis 6 ta’ Frar 2017.

Semghet ix-xhieda ta’ **Alison Mifsud Brimmer**, rappresentant tal-HSBC Malta plc, prodotta mir-rikorrenti u moghtija fit 3 ta’ April 2017 u fid 29 ta’ Mejju 2017 u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Semghet ix-xhieda ulterjuri in subizzjoni ta’ l-intimata Charlene Parnis moghtija fid 29 ta’ Mejju 2017.

Rat illi fil 25 ta’ Settembru 2017 ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippresenta.

Semghet ix-xhieda ta’ **Charlene Parnis illum Micallef** minnha moghtija fit 30 ta’ Ottubru 2017 u fl-1 ta’ Marzu 2018.

Semghet ix-xhieda ta’ **Michael Parnis**, missier l-intimata, prodott mill-intimata u moghtija fit 30 ta’ Novembru 2017.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Alfred Gatt moghtija fid 29 ta’ Jannar 2018.

Semghet ix-xhieda ta’ **Caroline Mills**, omm l-intimata, prodotta mill-intimata u moghtija fl-1 ta’ Marzu 2018.

Rat illi fl-1 ta’ Marzu 2018 il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli avukat difensur tar-rikorrent ippresentati fis 16 ta’ April 2018.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli avukat difensur ta’ l-intimataippresentati fil 31 ta’ Mejju 2018.

Rat illi fil 31 ta’ Mejju 2018 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniehom illi minnha kellhom tifla.

Jirrizulta illi, tul din ir-relazzjoni, kellhom varji problemi u differenzi bejniethon, u gieli kienu joqghodu ghandu ommha u gieli kienu joqghodu ghand ommu. Kien hemm anke okkazzjonjiet fejn hi marret tghix ghal rasha u sahasitra dahhlet go home sabiex tinghata l-ghajnuna mehtiega.

Jirrizulta illi, sussegwentement, bl-ghajnuna tal-genituri taghha, l-intimata inghatat flat gewwa Hal Qormi taht l-iskema tal-Housing bil-kera, liema post hija bdiet tirranga sabiex tidhol fih.

Jirrizulta illi, f’dan iz-zmien, il-partijiet kienu regghu flimkien u ghalhekk kienu qed jaghmlu x-xogholijiet mehtiega sabiex jidhlu jghixu gewwa tali post.

Jirrizulta illi, skond ir-rikorrent, inxtraw Kamra tas-sodda tat-tfal, Kamra tas-sodda, Wallunit, tlett saqqijiet, Chest of drawers u Kcina.

Jirrizulta, izda, illi mument minnhom ir-relazzjoni ta’ bejniethom regghet, ghal darba ohra, marret ghall-aghar u, mument minnhom, l-intimata, illi kellha l-post f’isimha, kecciet lir-rikorrent ‘l barra mid-dar.

Jirrizulta illi sussegwentement, il-partijiet qatt ma regghu flimkien u, eventwalment, fil-mori tal-kawza, izzewget u issa ghandha l-kunjon Micallef.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi, wara li r-rikorrent tkecca mill-flat ta’ l-intimata, u ghalhekk ir-relazzjoni ta’ bejnietjom ma baqghetx tesisti, huwa beda jinsisti illi jithallas ta’ dak illi huwa hallas u halla gewwa l-flat illi l-intimata kellha.

Jirrizulta illi fit 22 ta’ Ottubru 2014 huwa ppresenta Ittra Ufficjali, ghalkemm mhux presentata fl-atti, fejn talab illi huwa jithallas, ghal liema ittra l-intimata rrispondiet fejn cahdet tali talba, ghalkemm tal att lanqas ma huwa fl-att tal-process.

Jirrizulta illi eventwalment, fil 21 ta’ Ottubru 2015, r-rikorrent nieda l-proceduri odjerni fejn talab lill-intimata tirrifondilu s-somma ta’ €8,452.54.

Jirrizulta, fl-affidavit tar-rikorrent, illi tali ammont gie minnu spjegat kif gej:

| | |
|---|---|
| Kamra tas-sodda tat-tfal: | € 876 |
| Kamra tas-sodda: | € 767 |

| | |
|---|---|
| Wallunit: | € 255 |
| Saqqijiet (tlieta): | € 156 x 2 u € 126 |
| Chest of drawers: | € 172 |
| Kcina: | € 4,440 |
| Zebgha: | € 180.50 |

Jirrizulta illi dawn jaghmlu total ta' €7,128.50 u mhux €8,452.54 kif minnu mitlub.

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa gab loan mill-HSBC fl-ammont ta' €12,000 sabiex ihallas ghal dawn l-affarjiet.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent ippresenta 'Order Forms' ghall kmamar tas-sodda f'total ta' €2,180 u ghal 'chest of drawers' fl-ammont ta' €172, izda ma hemm ebda ricevuta ta' hlas tal tali oggetti minnu.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi r-rikorrent ippresenta wkoll 'Order Form' ghall-kcina f'total ta' €4,400, fuq liema order form hemm miktub "paid in full on 16-10-2013" - (fol 13).

Jirrizulta illi r-rikorrent tella xhud, ossija Carmelo Borg, sid ta' Zodiac Furniture minn fejn inxtrat il-kcina, illi kkonferma illi r-rikrorent kien attwalment hallas il-kcina huwa personalment.

Jirrizulta illi r-rikorrent ippresenta wkoll ricevuti ta' zebgha minnu mixtrija.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi tal-intimata, illi filwaqt illi ma tikkontestax illi r-rikorrent kien attwalment xtara u hallas il-kcina kollha hu, hija tinsisti illi dina kienet rigal illi r-rikorrent ried jaghtiha u ghalhekk ma kellha troddlu lura xejn minn prezzha.

Jirrizulta wkoll, mill-provi tal-intimata, u precizament missier u omm l-intimata, illi l-genituri taghha kienu regolarment jghaddulha l-flus, liema flus hija imbghad kienet tghaddi lir-rikorrent sabiex jixtri l-affarjiet illi kien hemm bzonn, u di fatti hija tinsisti illi l-ghamara l-ohra kollha imsemmija mir-rikorrent, ghajr ghal kcina kif fuq spjegat, kienu mixtriha bi flus illi l-intimata kienet tghaddi lir-rikorrent.

Jirrizulta finalment illi l-intimata tikkontendi illi ma kienx minnu illi r-rikorrent kien ottjena loan sabiex jixtri l-ghamara u oggetti ohra ghall-flat taghha, izda biex jixtri karozza.

Jirrizulta, di fatti, illi skond il-Personal Term Credit Agreement tal-loan moghti lir-rikorrent u esebit mill-HSBC Bank Malta plc (fol 160), jirrizulta illi l-loan kien intenzjonat sabiex "*To purchase Car and for Home Improvements*".

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti mir-rikorrent, illi apparti l-fatt illi pproduca dokumentazzjoni sabiex jiggustifika anqas mill-ammont minnu mitlub, jirrizulta wkoll illi l-uniku pagament illi attwalment seta jigi attribwit ghal flat ta' l-intimata u li jidher illi hemm ricevuta ta' hlas tieghu kien il-pagament tal-kcina fl-ammont ta' €4,400, liema pagament kien anke kkonfermat mill-mastrudaxxa illi ghamel tali kcina kif ukoll mill-intimata stess.

Jirrizulta illi l-intimata tikkontendi illi l-kcina kien rigal ghaliha u ghalhekk ma kellha ebda raguni thallsu ghaliha.

Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi ghalkemm l-intimata tikkontendi illi tali kcina kienet attwalment rigal, tali rigal kien jikkontempla illi jkollhom relazzjoni bejniethom u wahda stabbli, liema fatt, madanakollu, ma sehhx u l-intimata spiccat kecciet ir-rikorrent barra mill-flat taghha, fejn kienet giet installata il-kcina, ftit tax-xhur wara.

Ghaldaqstant, l-intimata ma tistax tibqa tikkunsidra tali kcina bhala rigal, ghar-ragunijiet fuq gia imsemmija, aktar u aktar meta l-intimata ghadha tgawdi tali kcina sa llum u, illum il-gurnata, qieghda f'relazzjoni stabbli ma' terza persuna tant illi hija zzewget tali terza persuna.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-ewwel zewgt eccezzjonijiet filwaqt illi

**Tilqa Limitatament** kif gej, it-tielet eccezzjoni ta' l-intimata,

**Tiddikjara** lill intimata Charlese Parnis, illum Micallef, debitrici lejn ir-rikorrent fis-somma ta' erbat elef u erbgha mitt Euro (€4,400) rappresentanti l-prezz ta' kcina akkwistata mir-rikorrent u installata fil-flat ta' l-intimata, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill intimata Charlese Parnis, thallas lir-rikorrent is-somma ta' **erbat elef u erbgha mitt Euro (€4,400)**

**Spejjez** tal-proceduri odjerni **<u>BISS</u>** u **Imghax** kalkolabbli millum sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur